MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 266/2010

**A B**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-partijiet zzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awwissu 2002 fil-knisja Parrokjali tan-Naxxar, u kopja tal-att taz-zwieg qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dokument "A".
2. Illi l-partijiet sseparaw konsenswalment in forza ta' kuntratt pubbliku ta' separazzjoni datat 9 ta' Ottubru 2007 fl-atti tan-Nutar John Debono LL.D. u kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument "B".

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti datat 24 ta' Awwissu 2002 huwa null u bla effett skond il-ligi u dan abbazi tal-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, fosthom s-subartikli (a),(b),(c),(d) u (f) u (g), u dana kif ser jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fl-24 ta' Awwissu 2002 huwa null u bla ebda effett skond il-ligi, u taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni f'dan ir-rigward;
2. Bl-ispejjez kontra l-intimat li qed jigi minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati noe li *in forza* taghha huma eccepew :

Illi huma ma jafux bil-fatti li wasslu ghall-kawza u jirrizervaw id-dritt li jressqu twegiba ohra aktar 'il quddiem.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti illi gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attrici A B u l-intimat assenti Michael Shaw jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(a), (b), (c), (d) u (f) u (g) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha taghhom il-kuraturi deputati li jirrapprezentaw lill-intimat assenti jirrilevaw li m'humiex edotti mill-fatti u ghaldaqstant irriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri.

**Il-verzjoni tal-attrici**

L-attrici tghid li ltaqghet mal-intimat meta kellha biss tmintax –il sena filwaqt li hu kellu sbatax–il sena meta t-tnejn kienu ghadhom studenti. Tiddiskrivi l-gherusija taghhom bhala zmien ta' studju u zmien ta' xoghol bhala *student worker,* apparti x-xoghol li kienet taghmel fl-ufficcju ta' missierha li kien nutar. L-attrici tghid li peress li missierha kien *strict* hafna fuqha, lanqas is-sajf ma kien ifisser zmien fejn setghet ma taghmel xejn u ghalhekk tghid li kollox ma' kollox, ma tantx kien hemm hin ghall-hrug u li ma tafx hajja ahjar minn hekk. L-attrici tkompli tirrakkonta kif missierha, anke wara li lahqet Nutar, kien jinsisti maghha li tinvesti flusha u tahdem, tant li tghid li ma kellhiex kontroll ta' flusha stess. Hi tghid li ghalkemm missierha ma kienx tiran, kien *strict* hafna anke ghal dak li jirrigwarda hrug. L-attrici tghid ukoll li missierha baqa' jikkontrolla l-aspett finanzjarju taghha tant li fejn ma kienitx tasal hi, kien jasal hu anke peress li l-familja tal-intimat ma kellhomx il-mezzi. Kien ukoll jiddejjaq jekk tohrog ma' shabha fil-*weekend* ghaliex kien jirraguna li gialadarba kienet gharusa, kellha necessarjament toqghod gewwa fiz-zmien li l-intimat ikun qed jistudja. Tiddiskrivi l-ambjent tad-dar bhala familja *strict* fejn l-ulied kienu joqghodu anke b'harsa minghand missierhom.

L-attrici tghid ukoll li kien hemm zmien fejn kellha ripensament, tant li kien qieghed joghgobha haddiehor ukoll pero' kif lissnet kelma lil missierha, dan tal-ahhar irreagixxa hazin u qallha li ma jistax ikun thassar ghaliex kienet ilha hafna mieghu u li issa kellhom jissetiljaw. Il-hsieb li thassar l-gherusija mill-ewwel tnehha wara din ir-reazzjoni ta' missierha.

L-attrici tiddiskrivi r-relazzjoni tal-intimat ma' missierha bhala wahda tajba hafna tant li tiddiskriviha bhala wahda fejn l-intimat *he used to look up to him* a lot tant li kien

qisu l-papa' tieghu. Tghid ukoll li kienet tahseb li thobbu ghax fi kliemha stess *'I didn't know any better'* u zzid tghid ukoll li kienet fuq insistenza taghha li zzewgu sena wara li gradwa ghaliex meta rat lill-ohtha tizzewweg, riedet tizzewweg hi ukoll. L-attrici tghid ukoll li l-istess gara meta ohtha kellha tarbija u ghalkemm l-intimat ghall-ewwel ma riedx tfal, mbaghad ceda.

**Il-verzjoni tal-intimat**

Il-Qorti hija sprovvista mill-verzjoni tal-intimat *stante* li huwa rapprezentat mill-kuraturi deputati li stqarrew li m'humiex edotti mill-fatti.

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar l-24 ta' Awwissu 2002, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 3 tal-process.

Omm l-attrici Carmelina B tirrakkonta episodju partikolari fejn wara mawra gewwa Ghawdex ma' shabha (fl-assenza tal-intimat assenti), l-attrici kienet gharrfet lill-genituri taghha li ma kienitx konvinta li trid tizzewweg izda filwaqt li omm l-attrici ma rreagixxietx, missierha ma accettax din id-decizjoni u qallha li dan ma setax ikun. Ix-xhud tiddikjara li wara dan l-episodju, l-attrici accettat dak li qalilha missierha u sussegwentement regghet marret lura ghall-hajja ta' qabel u cioe' li toqghod id-dar gewwa u tohrog biss meta l-intimat ma jkunx qieghed jistudja. Din l-attitudni da parti tar-rikorrenti turi kemm fattwalment kienet indeciza fuq id-decizjoni taz-zwieg, tant li kliem missierha wassalha biex tbiddel fehmtha u tkompli bir-relazzjoni taghha mal-intimat kontra dak li kienet ghadha kif tistqarr. Omm l-attrici tghid li kienet bintha li ghamlet kollox ghal dak li jirrigwarda t-tieg, fis-sens li Michael ma ppartecipa xejn. Kien f'dan il-kuntest li x-xhud tghid li kellha d-dubji fuq ir-relazzjoni ta' bejn bintha u l-intimat ghaliex setghet tikkumpara r-relazzjoni taghhom ma' dik ta' bintha ohra li kienet ghadha kif izzewget. Hi tghid ukoll li dan in-nuqqas ta' entuzjazmu baqa' jidher anke wara z-zwieg u meta twieled it-tifel tal-partijiet.

Omm l-attrici tikkontendi wkoll li bintha kienet tiffinanzja lil zewgha u tmantni l-ispejjez tieghu relatati mal-istudji u l-ezamijiet tieghu u tipprova tpingi dan l-aspett bhala wiehed negattiv izda il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li dan l-agir fil-verita' juri kemm l-attrici kienet matura u kemm l-attrici kienet lesta li taghmel sakrificcju ghal zewgha biex tarah kuntent u li jilhaq l-ghanijiet tieghu. Il-fatt li kienet tghinu finanzjarjament juri li l-attrici kienet lesta li toffri sapport mhux biss finanzjarju izda wkoll mentali ghal zewgha li kien ghadu jistudja. Kuntrarjament ghal dak li ssostni omm l-attrici, dan juri li bejn il-koppja kienet hemm sens ta' sapport, sens ta' ghaqda kif ghandu jkun hemm bejn koppja mizzewga li jkunu hemm ghal xulxin fiz-zmien opportun. Min-naha l-ohra, omm l-istess attrici tara dan l-element bhala nuqqas da parti tal-intimat li jassumi r-responsabbilitajiet taz-zwieg, specjalment fejn jidhlu l-ulied ghaliex donnu jidher li l-piz kollu waqa' fuq l-attrici. Min-naha taghha, l-attrici tghid li l-aspett finanzjarju baqa' jigi kontrollat minn missierha tant li fejn ma kienitx tilhaq hi, kien ikompli missierha. Dan in-nuqqas da parti tal-intimat li baqa' jikkoncentra biss fuq il-karriera tieghu minghajr ma jaghti dik l-importanza lill-martu u lill-familja tieghu, twassal lill-Qorti sabiex tasal ghall-konkluzjoni li donnu f'dan iz-zwieg, kien hemm persuna wahda li kienet qieghda tipprova tahdem ghalih filwaqt li l-intimat baqa' ghaddej bl-istess hajja li kien ghaddej biha qabel ma dahal ghaz-zwieg. Min-naha l-ohra, l-fatt li missier l-attrici baqa' jikkontrolla l-aspett finanzjarju tal-istess attrici juri bl-aktar mod car li l-istess attrici ma lahqitx dik il-maturita' u l-indipendenza necessarja sabiex tiehu hsieb hajjitha u hajjet il-familja taghha b'mod indipendenti. Dan l-aspett ta' dipendenza fuq il-genitur juri wkoll nuqqas ta' maturita' u nuqqas ta' indipendenza da parti tal-istess attrici li kellha tirrealizza li issa kellha l-familja taghha u li kellha tara kif tiehu r-responsabbilita' tal-aspett finanzjarju f'idejha u f'idejn zewgha. Jidher li dan baqa' ma sarx. Il-Qorti ma tistax ma tinnotax l-influenza li kellu missier l-attrici fuq hajjitha, tant li ghax kien jghidilha li postha gewwa, hi kienet tobdi u ma kienitx tohrog ma' shabha fiz-zmien li l-intimat kien ikun qieghed jistudja ghall-ezamijiet tieghu. Din l-influenza tidher li kellha piz kbir ukoll fuq ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet, tant li l-attrici tghid li kienet taf li kienet

qieghda taghmel lil missierha *proud* biz-zwieg mal-intimat. Hi tghid ukoll li din kienet wahda mir-ragunijiet ghala riedet tizzewwgu, biex taghmel lil missierha kuntent. Kollox jidher li kienu idur fuq missier l-attrici li min-naha tieghu kien ragel *strict* immens fuq bintu u min-naha l-ohra kien jaghmel minn kollox biex iferrahha u jaghmilha kuntenta.

Il-Qorti tinnota wkoll li jirrizulta bl-aktar mod car li l-intimat kien pjuttost dipendenti fuq l-attrici, fis-sens li jirrizulta li d-decizjoni ahharija kienet tkun dejjem taghha. Gara hekk ghal dak li jirrigwarda z-zwieg u gara l-istess ghal dak li jirrigwarda l-ulied. Tant hu hekk li l-attrici tiddiskrivi dawn ic-cirkustanzi fejn l-intimat 'imbaghad ceda', bhal li kieku ma kellux triq ohra.

Dak illi trid tara il-Qorti hu hekk hemmx l-elementi necessarji sabiex jigi dikjarat null u bla effett iz-zwieg tal-partijiet abbazi taz-zewg bazi migjuba quddiem il-Qorti.

**<u>Dwar l-Artikolu 19(1)(a) u cioe' li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika, sew morali jew biza'</u>**

Illi dwar dan l-artikolu, il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Calleja Marianna Vs Calleja Francis**[1] fejn inghatat spjegazzjoni ta' x'tip ta' biza' trid necessarjament tigi pruvata sabiex it-talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita abbazi ta' dan l-Artikolu tigi milqugha. Fi kliem il-Qorti, "***Biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens***" u zzid tghid li "***Sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li tinvalida z-zwieg trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti…Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun***

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid*”.**

Il-Qorti tirrileva li minkejja li jirrizulta li missier l-attrici kellu influwenza kbira fuq l-attrici, dan ma jammontax ghall-estremi tal-Artikolu citat u ghall-vjolenza morali *ai termini* tal-istess gurisprudenza. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi ta' dan l-Artikolu *stante* li l-estremi msemmija bl-ebda mod ma jikkonfiguraw fil-kaz odjern.

**Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga**

Illi dwar dan l-Artikolu u bazi ohra ghat-talba tal-esponenti, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor**[2] fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***"'. Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine**[3] gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mixxorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

---

[2] Deciza nhar id-9 ta' Dicembru 2002 mill- Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili
[3] Deciza nhar id-09 ta' Dicembru 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, l-attrici ma resqet ebda prova u ma taghmel ebda referenza ghal xi forma ta' aspett li permezz tieghu setghet tipprova tali bazi ghal dikjarazzjoni ta' annullament abbazi tieghu. Dan qieghed jinghad ghaliex la mix-xhieda tal-attrici u lanqas mix-xhieda ta' ommha ma jirrizultaw l-elementi necessarji msemmija fil-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba attrici abbazi ta' dan l-Artikolu. Anzi pjuttost jirrizulta li l-karattru tal-intimat baqa' dejjem kif kien u baqa' kostanti – baqa' jaghti priorita' qawwija lill-karriera tieghu kif kien jaghmel fiz-zmien l-gherusija u baqa' jiddependi kwazi ghal kollox fuq l-attrici jew fuq il-familja taghha. L-ebda aspett fil-karattru tieghu ma gie zvelat wara z-zwieg u li ma kienx maghruf lill-attrici.

**<u>Dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[4] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

[4] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[5] "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan anke in vista tal-fatt li l-partijiet dahlu ghal dan iz-zwieg minhabba l-pressjoni socjali u fuq kollox, sabiex l-attrici tikkuntenta lil missierha. Jirrizulta bl-aktar mod car li ghalkemm kellhom

[5] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

gherusija pjuttost twila, din kienet karatterizzata minn zmien gewwa, minn nuqqas ta' hrug u minn snin ta' stennija sabiex jiggradwa l-intimat. Jidher car li anke minhabba s-sikkatura li kien jimponi missier l-attrici fuqha, l-partijiet ma kellhomx zmien sabiex verament jiskopru l-karattru ta' xulxin, ghaliex donnu li dan iz-zwieg kien bazat fuq il-fatt li l-intimat kien tabib (aspett li kien joghgob lill-attrici) u ghaliex kienu ilhom flimkien u mhux ghax kellhom xi relazzjoni soda ta' mhabba li wasslithom ghal tali decizjoni. Iz-zwieg kien biss *the next step* biex l-attrici tkun bhal ohtha u biex fuq kollox tikkuntenta lil missierha.

**<u>Dwar l-Arikolu 19(1)(f) u cioe' li l-kunsens tal-intimat inkiseb b'eskluzjoni pozittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament il-permanenza taz-zwieg</u>**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[6] fejn gie ritenut li "***rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk kreat ma jistax ikun wiehed validu***".

Il-Qorti tirrileva li sabiex tigi milqugha talba ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg f'dan il-kuntest, irid jigi necessarjament provat li xi wiehed mill-partijiet ghamel simulazzjoni parzjali tal-kunsens tieghu jew taghha. F'dan il-kuntest terga' ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[7] fejn gie ritenut li "***Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-***

[6] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[7] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra***".

Il-Qorti tirrileva, li fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici lanqas biss tindirizza dan l-artikolu. Ghalkemm mhux propizju li jigi diskuss ghala l-attrici ghazlet li ma tiddiskutix dan l-artikolu, il-Qorti thoss li l-istess attrici ma gabet ebda prova li permezz taghha setghet tipprova li z-zwieg taghhom kien null u bla effett abbazi ta' dan l-Artikolu. L-attrici (*stante* li l-intimat ma ressaq ebda prova) ma gabet ebda prova li xi wiehed jew wahda minnhom eskluda z-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg.

<u>**Dwar Artikolu 19(h) u cioe' li l-kunsens ta' l-intimat kien vizjat stante li ghalkemm mhux interdett jew marid b'mohhu, ma kellux fiz-zmien li sari z-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg**</u>

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Briffa Emmanuel Vs Briffa Veronica Et**[8] fejn b'referenza ghall-Artikolu hawn citat, gie ritenut li "***Meta parti tkun qed taghti l-kunsens taghha ghaz-zwieg hi ghandha tgawdi grad ta' liberta` psikologika li tkun necessarja u sufficjenti li tassigura l-poteri bazici ta' l-ghazla***". Ghalhekk, sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett *ai termini* ta' dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attrici li tipprova li fil-hin tal-kunsens, l-intimat ma setax jaghti kunsens liberu u ma kellux rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Il-Qorti tirrileva li f'dan l-istadju ssir referenza partikolari ghall-kawza fl-ismijiet **MM vs JM** deciza nhar id-9 ta' Marzu 1994[9], fejn gie dikjarat li huwa l-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le. Ghal darb'ohra jerga' jigi rilevat li anke dwar dan l-Artikolu, l-attrici taghzel

[8] Deciza nhar it-2 ta' April 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[9] Deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell

li lanqas biss tindirizzah fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha u fuq kollox, ma tressaq ebda prova li permezz taghha tista’ b’xi mod twassal lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li dan l-artikolu jista’ jkun applikat fil-kaz odjern.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati in rapprezentanza tal-assenti Michael Shaw jithallsu provizorjament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------